MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1366/2005

**Maltacom plc**

**Vs**

**Attard Paul et**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Gunju, 2005 fejn is-socjeta` attrici qed titlob lil konvenuti jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' disgha mija u tlieta u disghin lira u erbgha u disghin centezmu (Lm993.94) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21 492801 kif jirrizulta mid-dokumenti annessi bhala Dok A uDok B.

Ra r-risposta pprezentata mill-konjugi Attard datata 27 ta' Settembru, 2003 fejn ikkontestaw it-talbiet attrici fis-sens illi qeghdin jecepixxu l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156 Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-provi prodotti mis-socjeta` attrici fosthom id-dokumenti esebiti u x-xhieda bil-gurament tal-PL Noel Scerri kemm fis-seduta tat-12 ta' Mejju, 2006 u kemm ukoll dik tal-lum stess tat-12 ta' Gunju, 2006 fejn ikkonferma u prezenta dokument immarkat bhala Dok C minn fejn jirrizulta illi l-konvenuti kienu ghamlu pagamenti akkont sa Jannar 2002.

Ra illi l-konvenuti ghalkemm imsejjha diversi drabi baqghu ma dehrux.

Ra illi s-seduta tal-lum kienet intiza sabiex il-konvenuti jressqu l-provi kollha taghhom.

Ra illi l-konvenuti naqsu li jaghmlu dan.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi qed jirristingi l-eccezzjoni sollevata minnhom tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u in mankanza tal-eccezzjonijiet ulterjuri fuq il-mertu, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici u kwindi jikkundanna l-konvenuti jhallsu solidament bejniethom u biex ihallsuha s-somma kif rikjesta ta' disgha mija u tlieta u disghin lira u erbgha u disghin centezmu (Lm993.94) bl-imghax legali dekoribbli mil-lum u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------